# FUQ IX-XTUT TA' WIED ABBAS

Din hija traduzzjoni ta' waħda mit-tletin għanja ta' Beni Sejid Ibn Żafer, *l-Aħħar Għannej Għarbi fi Sqallija*, kif imsejjaħ fit-titlu ta' manuskritt li fih kien hemm miġburin bil-Għarbi u bl-Ispanjol il-għanjiet ta' dan il-Għannej. Milli jidher dan il-manuskritt kien waqa' f'idejn kaptan sqalli f'wieħed mill-portijiet ta' Spanja fejn dana kien waqaf biex isewwi l-bastiment tiegħu huwa u ġej mill-Amerika wara l-gwerra ċivili ta' Spanja. It-traduzzjoni mill-Għarbi għall-Ispanjol hija ta' Rettur tal-Bibljoteka ta' belt fi Spanja li ma tissemmiex. Dwar l-1813 kienet inbdiet l-istampa tal-manuskritt u qalb xi bċejjeċ ta' karti oħra ma' dan il-manuskritt insabu xi provi ta' l-istampa ta' xi għanjiet minnu, iżda x-xogħol ta' l-istampa nqata' f'daqqa mħabba t-taħwid politiku li nqala' fil-pajjiż.

Il-ġrajjiet illi l-Għannej igħanni huma ġrajjiet li għadda minnhom huwa stess, u fihom x'tiżen għal dik li hi storja u sengħa.

Beni Sejid Ibn Żafer huwa t-tielet wieħed fost it-tfal sobien ta' wieħed nobbli għarbi minn Luċera, skudier tar-re Manfredi. Il-missier lejlet it-taqbida ta' Beneventu (1266) ħmar f'bosk mat-tlitt itfal tiegħu, u fid-dawl tal-kwiekeb uriehom il-moħba ta' teżor kbir illi l-Għarab ta' Jato (fi Sqallija) kienu ħbew hemmhekk meta l-Imperatur Federik Tnejn ried iġorrhom fl-artijiet ta' Napli. Il-għada tat-taqbida l-fidil u qalbieni skudier għarbi jmut ma' ġenb sidu Manfredi; mit-tlitt itfal tiegħu wieħed imut fit-taqbida ta' Taljakozzu, u l-ieħor, huwa u sejjer jaħrab lejn Sqallija fejn kien diġà qam irvell tal-Vespri, Karlu d'Anġiò qatagħlu saqajh u dirgħajh. It-tielet, li kien Beni Sejid Ibn Żafer wasal bis-sliema Paliermu u bil-ħila tiegħu laħaq il-grad ta' kaptan jew *adalìl* fil-korp tal-Mugħawwara. Meta saret il-paċi, mixgħul b'imħabba għal Żulejma, xbejba sabiħa minn Paliermu, imur ifittixha f'kull kastell ta' barra Paliermu fejn kien qed isir għors kbir.

Fiż-Żisa (Qasr el-'Ażiż) jiltaqa' ma' xbejba—li kellha minn saħħara—u jgħanni s-sbuħija tagħha; huwa u miexi, ipinġi fil-għana tiegħu brag u ġonna u xmajjar ta' El-Qubba, Tal-Fawwara, ta' El-Menani u l-ħxejjex, siġar u ward ta' Ġennet

el-Ard. F'dawn il-ġonna huwa jiltaqa' ma' tfajliet ta' ġmiel liema bħalu, jitkellem fit-tul fuq is-sbuħija tagħhom sakemm saħħâr riekeb fuq ħmar bil-ġwienaħ jisraqhom minn taħt għajnejh u jġorrhom fl-ajru għal ġewwa palazz mgħammar b'nies rgħiba li kellhom sura ta' għaġeb. F'El-Qubba laqgħu bil-ħlewwa kollha Federik t'Arguna, re ta' Sqallija, il-għaliex kien magħruf bħala ġellied qalbieni fit-taqbidiet ma' l-egħdewwa. Bil-għana tiegħu fuq il-mewt ta' Manfredi u Korradinu huwa jfittex li jħassar il-ħsieb tar-re għal paċi mal-għadu. Fil-għanjiet tiegħu tisma' l-agħjat ta' taqbid b'tislim ta' tifħir għall-qalbiena, tara kwadru mżewwaq ta' Paliermu għarbija, tal-Vèspri, tas-suldati Mugħawwara, tad-drawwiet u ħajja ta' dawk iż-żminijiet fi Sqallija. Iżda l-isbaħ għanjiet li joħorġulu minn qalbu huma dawk li fihom igħanni lil Żulejma tiegħu, għanjiet ta' mħabba u ġlied mal-għadu.

U għalkemm il-figuri ta' xeħta orjentali li bih huma miżgħudin il-vrejjes jiġi li jtaqqlu l-ħsieb, il-qawwa tas-sentimenti, l-idejjiet għoljin u qawwija, ix-xbihat bekk ħajja jżejnu u jagħtu ħajja lil kull għanja. Il-ġrajjiet ta' mħabba tal-Għannej huma fl-aqwa tagħhom meta sew missier Żulejma kemm ħuha jheddu li joqtlu lill-Għarbi illi ma jibża' minn xejn u ma jrid jisma' b'xejn ħlief li jikseb l-egħżeż hena tiegħu li hi Żulejma. U bi ftehim ma' Żulejma—minn dak li jidher—huwa jmur qalb l-irdum ta' Jato biex jaħtaf it-teżor, u mbagħad jaħrab magħha fl-Għarabja. Fil-waqt li jkun fil-għar qalb it-teżori, qabda ta' nies mixtrija mibgħutin minn missier Żulejma jdawru l-muntanja biex joqtlu lil Ibn Żafer. B'xorti tajba l-Mugħawwara jintebħu bin-nassa li ntasbet lill-adalil sidhom, u jitilqu jfittxuh wara ħamiema mibgħuta minn Żulejma lil Ibn Żafer, u jaslu sew sew fil-waqt biex jeħelsuh.

Iżda Żulejma tmut, u Ibn Żafer, wara li kisirha mar-re Federik, xejn ma kien baqagħlu fid-dinja ħlief li jtaffi n-niket kbir ta' qalbu billi jibkiha mejta.

Fuq xatt ix-xmara l-kbira
ta' Wied Abbas (1) ħaduni ħsibijieti
l-għomja xħin sibtni
fid-deghbien koroh tal-ħerbiet ta' ruħi.
Waqqaf saqajh iż-żiemel,
ir-Rabi tiegħi, mal-ħoss u mat-theżhiża
ta' l-art li f'daqqa
ħasditlu demmu jagħli dlonk fil-ġiri.

Kienet Żulejma qiegħda
fuq karru tiġri b'żewġt iżwiemel nodfa
sbieħ imrobbija
f'art tan-nirien b'kubrit, bi rjieħ u beraq.
Duħħan minn imnifsejhom,
duħħan ta' ċpar joħorġu kienu,
u mill-imniegħla
saqajn itajru x-xrar ġo sħaba bajda.

Hekk malli mill-ġdid rajtha
ħassejt riġlejja jieqfu, jiksħu f'daqqa
bħalkieku ġewwa
għadira silġ ħassejthom jiena.
D'herli fid-dwejra tagħha
waqfet ix-xemx biex toqgħod tħares lejha;
tkexkixt minn ġewwa
u ħassejt ruħi kollha ħierġa 'l barra.

U ngħajjat ridt; xufftejja
iżda baqgħuli fuq is-snien bħal weraq
midbiel mill-fewġa
niexfa fuq xfar il-għajn ta' Bab ir-Ruta. (2)
Jidħol ħassejt ġol-għadam
u ġewwa żaqqi n-nar bħal dak li jixgħel
f'Art Kam. Minn ħdejja,
o dik Żulejma għaddiet, għaddiet bħal riefnu!

---

(1) *Wied Abbâs* hija x-xmara *Oreto* (il-lum niexfa) fix-Xlokk ta' Paliermu.

(2) *Bab ir-Ruta.* Mill-isem ta' Għajn (*Rut* bil-Għarbi : "xmara", mill-Persjan *Rud*). Dan il-Bieb kien wieħed mid-disa' bibien tal-belt qadima ta' Paliermu.

U kelli ħalqi niexef
bħall-egħsieleġ tal-ħorfox u anqas ebda
għenba tad-dielja
tagħha ma xarrbet lil xufftejja u sqietni.
Bħal barra minn sessija
lebbitt għad-dawl tal-beraq tagħha, fl-aħħar
sakemm fl-imwiegħra
triqat tal-maħtab kollu Palm jien tliftha.

Bil-ġiri wrajk, Żulejma,
ir-Rabi tiegħi, f'Wied Abbas żelaqli
fl-għadajjar koroh;
u għalkemm tħabatt inqum, għodost sa rasi.
Il-moġra minn urajja
għawmitni fl-ilma u l-mewġ li ħabtu fuqi
fil-qiegħ rassewni!
Għattieni l-ħama, għaddew minn fuqi r-rwiefen.

Iżda bl-imħabba l-ilma
kien, ja Żulejma, sħun, bħalkieku ġewwa
fih daħlet ix-xemx
u l-ħama kien imżewwaq bħal qawsalla.
Bil-ħsieb li kont lejh tħares
Bin Żafer għaleb il-mewġiet ta' l-ilma,
u dehru kollha
mat-tbissima ta' fommok dwal is-sema.

Għalik insejt id-dinja:
kollox u lil kulħadd, u sirt barrani
għal wiċċ il-ħbieb,
għal sħabi tat-taqbida u ta' Din wieħed.
Imma x'jiswewli ħuti
u l-ħbieb ladarba nista' jiena nqiegħed
rasi l-għajjiena,
ja sabiħa Żulejma, ġewwa ħoġrok?—

Il-għira ttabba' l-isem,
il-għawi jisraq tas-Sultan il-għoġba,
u fit-taqbida
ma' l-egħdewwa taqilbek il-Fortuna;
l-iċken ġrajja fil-ħajja
is-saħħa tgħarraq, teqred, iżda mħabbtek,
Żulejma tiegħi,
hi dawl mis-Sema tal-ħajja ta' dejjem!

Warajk jien niġri s'issa,
wara mħabbtek ma rajtx ħlief għajb ma' wiċċi,
u trab, Żulejma,
bħalkieku żrajt sikrana f'xaqq il-blata.
Qawwet il-għajn naqsitli
lil wiċċek hekk sabiħ dejjem infittex;
jidlam u jiskot
fejn ma tiddix għajnejk bil-fomm daħkani

L-għana tal-Mugħwwara (1)
minsuba f'nofs in-nhar taħt id-dell kiebi
jidħak b'imħabbti;
b'xafret is-sejf bla ma nista' nitħallas
l-għaliex mingħajr imħabbtek,
ja bint il-fwejjaħ, tal-fewġiet ja ġawhra,
id-driegħ ittarrax,
u mietet ġewwa qalbi ħilti kollha.

Ħsarat ta' l-art u l-baħar,
għadab ta' slaten u ta' nies, inġemgħu,
u qumu għalija!
Int Alla eqridni, ma le jkun imżeblaħ
fl-imħabba tiegħu Bin Żafer!
Miġruħa, ja Żulejma, nħoss ġenbejja,
l-għadam imfarrak,
misħuq bħall-qasab fuq il-wiċċ ta' l-isqfa.

Qalbi tferfer u tgħajjat
għaliex il-vleġeġ li għajnejk iwaddbu
huma wisq iżjed
mix-xagħ'r kollu ta' rasi; u l-mimmi t'għajni
bid-dawl t'għajnejk jiddallam
bħallikieku miktub li b'Ħaqq jien nitlef
id-dawl t'għajnejja
fuq il-ħawt jikwi ta' nirien qerrieda.

---

(1) *Il-Mugħawwara* mill-Għarbi *el-mu'awîr* li jfisser *suldat* li jidħol, jeqred u jisraq f'art il-għadu. Dil-kumpanija nibtet f'Arguna fis-seklu Tnax u mxiet 'il quddiem fi Sqallija fi żmien Federik Tnejn t'Arguna. Il-mexxejja tagħha kellhom l-isem ta' *adalîl* mill-Għarbi *el-dalîl* (gwida).

Oh! l-ewwel jum li rajtha
kienet fewġa ħafifa: il-lum għalbitni
bħal riefnu qawwi;
rabtet qalbi bil-ganċ mal-kərru tagħha;
u l-għasfur tiegħi jaqdef
bil-ġwienaħ fl-ajru fejn iż-żiffa ħelwa
tal-fwieħa tagħha
tfewweġ fil-għoli qalb is-sħab tas-sema.

Il-mara tiegħi twieldet
fil-ħin li l-fewġa l-wiċċ ta' l-ilma tnaqqax,
u kienet ħelwa
u ħafifa bħal żiffa ta' fil-għodu;
meta l-ward beda jiżhar,
u n-nifs ta' fommha kien bħal nifs tal-ġenna.
Għors qam fis-sema
u ferħu l-anġli dak il-ħin li twieldet:

U leħinha kien jidwi
bħal-leħen tas-smewwiet, u kien taqbila
ta' dawl u mħabba.
Bin Żafer twieled meta x-xitwa tagħdab,
u l-ħamla ġġorr id-dielja,
beraq iwaqqa' dwejret nies bla ħtija,
degħbien igerbeb
il-ħarufa fl-irdum u l-friex tal-fqir jistagħdar.

Tarbija f'nieqa beka
man-newwieħa fil-mewt ta' xi ruħ sewwa,
u żagħżugħ nissel
tagħdib u mħabba f'nofs il-ħerba t'Islam.
U ħass għaxqa 'mońbija
fl-għadam mal-ħsejjes kbar ta' ragħ'd u rwiefen
li qalbu l-ogħla
bini u fil-maħtab qaċċtu l-ixjeħ siġar.

Jekk ruħu meta tinża'
l-maskra tal-bnedmin tmur tgħammar ġewwa
dbiba jew xmara,
jew siġra, dlonk tiġġennen dik id-dbiba,
f'maqgħad ta' ilma jinten
l-oħra titbiddel, minnufih is-siġra
tħoss l-egħruq tagħha
jinxfu bil-għatx u bin-nirien jinħarqu.

Ja Wied Abbas dawk mewġek,
ħfief igħaddu bħalma jgħaddu ħsibijieti,
u siekta jixbhu
l-ħsieb moħbi ta' qalb qalila thewden
li d-deni tħallsu b'deni.
Kemm ġnus tad-dinja ġew fil-gliegel tiegħek
jisqu lill-iġmla ?—
Iżjed mill-weraq tax-xtut tiegħek f'ħarifa.

Jalla l-mewġ tiegħek kiebi,
iswed bħal-linka jmur l-mewt iħabbar
fuq l-ibħra kollha;
jalla l-ixtut ta' ward u r-ramliet tiegħek
irejħu saħta, intiena,
bejta ta' sriep ikunu jekk il-ġawhra
tal-baħbuħ dehbi
ta' Maħnat (1) ma tiftaħx qalbha għal tnehidi.

Ja żiffa, żiffa ċkejkna,
wassal mal-fwieħa tar-rebbiegħa tnehidi
sa qalb Żulejma
u għidilha li Bin Żafer qiegħed f'telfa;
għidilha wkoll li l-għajta
tiegħu wisq aqwa mill-ħoss tal-fawwara,
minn dik ta' l-ajkli,
minn dik ta' mitt miġruħ f'iġbla qalb l-isqra.

A. CREMONA

---

(1) *Maħnat.* Isem ta' nisel Feniċ mogħti lil Paliermu.